# KUNSILL LOKALI MQABBA

**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, MQABBA MQB 1512**

**TEL: 2168 0622 /2701 3040 • FAX: 2168 0606**

**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**
**WEB SITE: www.mqabba.gov.mt**

Minuti tas-seduta numru tletin (30) tal-Kunsill Lokali Mqabba (KLM) li nżammet nhar is-7 ta' Lulju 2009, fis-6:40pm fil-Bini Muniċipali tal-Imqabba.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Noel Galea | Sindku |
| | Charles Farrugia | Deputat Sindku |
| | Nicholas Briffa | Kunsillier |
| | Grace Marie Mallia | Kunsillier |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv |

1. Is-Sindku Noel Galea ppresjeda l-laqgħa u qal it-talba.

2. Is-segretarju eżekuttiv qara l-minuti tas-seduta preċedenti, sarulhom il-korrezzjonijiet li kien hemm bżonn u kienu approvati u ffirmati.

3. **Punti mill-Minuti:**

3.1. Is-sindku qal li talab **laqgħa** mal-Kumpanija *Sterling Security*, fil-preżenza tal-Ispettur tal-Għassa taż-Żurrieq u uffiċjali tal-każin Santa Marija nhar il-Ħamis, 9 ta' Lulju, 2009 fl-4:00pm/4:30pm u stieden lill-kunsillieri u lis-segretarju eżekuttiv sabiex jattendu għaliha.

3.2. Minħabba l-allegat **ħsarat fuq il-pjanti** fil-festa tal-Madonna tal-Ġilju minn persuni li kienu fi Triq Karmenu Ciantar kantuniera ma' Triq il-Konvoj ta' Sta Marija, l-*ELC* ħartu s-*central strip* u issa ġiet mingħajr xtieli. Il-Kunsillier Charles Farrugia qal li fil-festa tant kien hemm nies illi kien impossibli li dawn ma jitgħaffġux. Infatti hu ssuġġerixxa li din is-*soft area* ssir *hard* billi tingħata ż-żrar tal-qawwi u titneħħa l-ħamrija. Is-sindku qal li għad fadal f'dan is-sit xi knaten li ntużaw minn dawk tal-armar fil-festa.

3.3. Dwar ix-xogħol li bħal issa qed isir fuq il-**bankina fil-Pjazza tal-Knisja**, għadna ma nafux jekk il-*conduit* /*trunking* bil-pajpijiet tal-plastik humiex adekwati. Dawn intefgħu fil-bankini biex jiġu mgħottija bil-konkos u fil-fatt hemm minnhom li diġà huma mirduma taħt iċ-ċangatura quddiem il-każin tas-Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju (SMMTĠ).

3.4. Dwar is-**sejħa għal-librar/a**, is-sindku qal li din se tagħlaq fi żmien jumejn. Is-segrertarju eżekuttiv qal li hu rakkomandabbli li jkun hawn kunsillier ieħor sabiex dawn jinfetħu mill-kaxxa tal-offerti minkejja l-fatt li din m'hija offerta xejn għaliex il-prezz huwa diġà ffissat.

3.5. Dwar l-**atti ta' kurazija**, li fil-fatt illum stess is-sindku u s-segretarju eżekuttiv attendew għal seminar dwaru, Charles Farrugia qal li se nagħmlu *survey* tal-**Katakombi tal-Mentna,** biex dan jingħata lis-Sovratendenza Patrimonju Kulturali, bit-tama li nieħdu l-imfietaħ ta' dawn l-oqbra f'idejna bħala Kunsill Lokali.

3.6. Biex innaqqsu l-ispejjeż, se nivverifikaw mal-istampatur kemm tiġina ħarġa bi tnax-il faċċata biss. Is-sindku ssuġġerixxa illi kulħadd iġib *sponsor* biex fil-fatt isostni l-ispazju tal-artiklu tiegħu.

3.7. Il-**bibita** mal-uffiċjali tas-Soċjetà Santa Marija (SSM) qabel il-festa, kienet iffissata għal nhar it-22 ta' Lulju 2009 fis-7:00pm fl-uffiċċju tas-sindku. Dwar dan se navżaw lis-soċjetà.

3.8. Għadna qed nistennew dettalji mingħand l-Onor Louis Galea, *Speaker* tal-Kamra tad-Deputati dwar *CV* ta' missieru biex dan jingħata l-Kumitat tat-Tismija tat-Toroq ħalli jikkunsidra l-isem ta' **Ġużepp Galea**, li kien ners, u li jiġi missier l-*ispeaker*, biex tissemma triq għalih.

3.9. Il-KLM għadda l-ismijiet ta' Anthea Sacco, għan-nom tas-SMMTĠ u dak ta' Carlo Sciberras għan-nom tas-SSM lill-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ biex ikunu r-rappreżentanti tal-Imqabba fil-**Parlament taż-Żgħażagħ**.

3.10. Is-sindku qal li għaddejna s-suġġerimenti tagħna lill-Awtorità Dwar it-Trasport ta' Malta (ADT) u lis-Supritendent tal-Pulizija biex fil-festa ta' Santa Marija iġibu **lista ta' toroq li se jkunu magħluqin, *one-way* /*two way* u fejn se jkun ipprojbit il-parkeġġ** anke jekk hemm bżonn billi jkunu ppubblikati fil-gazzetta tal-gvern. Dwar arranġamenti temporanji fit-trasport pubbliku fil-festa, se navżaw lill-ADT sabiex ikun hemm venda temporanja fuq il-Mentna fejn il-mekkanik.

3.11. Ġiet irrappurtata **ħsara fl-arblu tad-dawl dekorattiv** li hemm quddiem l-iskola wara li dan tkisser minn xi vandali. Is-sindku qal li is-sena l-oħra fl-istess żmien, jiġifieri għall-ħabta tal-festa tal-Madonna tal-Ġilju, inċidentalment kien tkisser ieħor li kien imwaħħal ħdejh.

3.12. Ġie deċiż li qabel ma jkompli jitħallas il-kuntrattur ***C&S Services Ltd***, jintalab l-ammont f'metraġġ ta' xogħol li għamel permezz ta' manutenzjoni fit-toroq f'kull triq separatament. Dan għaliex hemm madwar €6,000 pendenti x'jitħallsu lil dan il-kuntrattur għal xogħol li wettaq ix-xitwa li għaddiet li jidhru esaġerati.

3.13. Dwar l-attività l-"**Imqabba mal-Medda taż-Żmien**" li se tinżamm fit-2 t'Ottubru, 2009, Paul Spiteri qal li l-kumitat se jiltaqa' nhar it-Tnejn, 13 ta' Lulju 2009 fis-7:00pm. F'dan il-waqt ingħataw diversi dettalji tal-attivitajiet li se jkunu organizzati dak in-nhar bis-saħħa ta' *Leon Promotions*. Il-viċi sindku qal li se jagħmel dak kollu possibbli sabiex diversi affarijiet ikunu mikrija mid-Dipartiment tal-Kultura bi prezz ridott.

3.14. Reġgħet issemmiet il-**problema ta' likwidità** tal-kunsill f'każ li se jkunu approvati proġetti kbar (li applika għalihom il-KLM) biex nattiraw fondi tal-Unjoni Ewropeja. Is-segretarju eżekuttiv qal li flimkien mar-riżorsi finanzjarji, hemm id-diffikultà l-oħra ta' *project management* li jekk ma ssirx bil-għaqal tista' ttellef l-istess fondi. Hawn is-sindku qal li bħalna hemm ħamsa u erbgħin kunsill lokali ieħor li applikaw u kollha għandhom l-istess diffikultajiet.

3.15. Dwar ***LAGs***, issemmiet il-laqgħa li kellhom is-sindku u s-segretarju eżekuttiv organizzata mill-Ministeru tar-Riżorsi u Affarijiet Rurali. F'din il-laqgħa huma ddeskrivew il-mod kif il-*Paying Agency* fi ħdan il-Ministeru, qed tappunta kumpanija barranija biex timmaniġja l-*LAGs*. Għal din il-laqgħa kien hemm rappreżentanza tal-**GAL Xlokk** li tkellem is-sindku dwarha. Hu qal li l-bieraħ għalqu l-offerti. Intefgħu sitt *bidders* fuq il-*PR* li għal dan il-għan qed ikun hemm baġitjat €7,800, ħames *bidders* fuq l-istrategija għall-baġit ta' €23,600 u ħamsa għall-Kordinatur €23,600. Noel Galea qal li huwa kien jifforma parti mill-kumitat li kellu l-għan li jagħmel *short listing* ta' dawn il-*bidders*.

3.16. Dwar il-**Patt tas-Sindki,** is-sindku qal li huwa ma' bagħatx l-applikazzjoni għaliex wara li ndaga ftit dwar dan, jirriżulta illi ftit hemm kunsilli lokali li ffirmawh. Dan għaliex hemm obbligi kbar biex jitħejjew żewġ rapporti tekniċi fis-sena għal spejjeż li s'issa għadna ma nafux kemm se jinvolvuna biex jitkejlu l-emmissjonijiet tal-arja bil-għan li dawn jitnaqqsu b'ħidmet il-kunsill. Hu qal li dwar dawn l-emissjonijiet il-kunsill m'għandu l-ebda kontroll għaliex huma l-aktar iġġenerati mill-industrija tal-kostruzzjoni. Dwar dan Nicholas Briffa qal li l-KLM diġà għandna xogħfa bil-propost żvilupp ta' simenterija

f’Ħal Farruġ, liema rapporti kienu jammontaw għal eluf ta’ liri u li ħadd ma tagħhomlna lura. Hu jikkunsidra li dawn huma obbligi tal-Unjoni Ewropeja li se jqumilna ħafna flus għax il-piż qed jintefa’ fuq is-sindki. Għal dan il-għan ġie deċiż illi ssir kampanja edukattiva mill-kunsill biex kulħadd jagħraf il-bżonn li jitnaqqsu dawn l-emissjonijiet.

3.17. Wara l-laqgħa kordjali li kellu l-KLM mal-ET il-President ta’ Malta, se naraw kif se nakkwistaw kopja tar-ritratti li ttieħdu dak in-nhar u mhux biss dak li deher fis-sit tad-*DOI*. Issa se jkun imiss ir-rwol tagħna biex nintegraw iż-żjara tiegħu ma’ dik ta’ Jum l-Imqabba. Infatti biex niġbdu aktar nies lejn il-Pjazza, hemm il-ħsieb illi tkun organizzata wirja ta’ vetturi antiki l-Ħadd filgħodu, dak in-nhar li huwa se jkun mistieden għall-Quddiesa ta’ Ringrazzjament. Biex huwa jkollu l-opportunità li jiltaqa’ mar-rappreżentanti tal-għaqdiet, se jkun mistieden jattendi għall-Assemblea Lokali.

4. Aġenda:

4.1. Il-mozzjoni ppreżentata mis-sindku biex il-KLM jingaġġa skrivan *part-time* bil-possibiltà li dan ukoll jaqleb *full-time* aktar ‘il quddiem, inqrat mis-segretarju eżekuttiv u kienet sekondata mill-viċi sindku.

4.2. Noel Galea qal li dan l-aħħar ix-xogħol żdied ħafna aktar, u dan biex inlaħħqu mal-applikazzjonijiet speċjalment ta’ fondi addizzjonali kemm lokali kif ukoll dawk mill-Unjoni Ewropeja. Huwa qal illi biex inkunu *accountable* lejn iċ-ċittadin ma nistgħux inlaħħqu bl-istaff preżenti. Huwa qal li meta tqabbel lokalitajiet oħra b’numru iżgħar ta’ nies, allura wieħed jasal għall-konklużjoni illi jaqbel li nimpjegaw skrivan/a għal issa għal 20 siegħa fil-ġimgħa. Dwar ħlasijiet tiegħu/tagħha, peress li ma sarx *provision* fil-*budget*, hu qal li nistgħu nieħdu parti minn dak tax-xogħol u manutenzjoni u żamma tar-raħal, parti mill-vot tal-*Community & Hospitality* u huwa lest li jċedi €800 mill-onorarja għal din is-sena biex j/titħallas dan l-istess skrivan/a. Dan biex l-iskrivan ikollu l-istess skala ta’ Valerie Galea, jiġifieri 15 li jammonta għal €7,800 *pa*.

4.3. Paul Spiteri qal li huwa jaqbel li hawn il-bżonn ta’ aktar staff għaliex huwa evidenti li x-xogħol żdied.

4.4. Nicholas Briffa qal li wara li ra l-*e-mail* tas-segretarju eżekuttiv li bagħat aktar kmieni fejn hu ssuġġerixxa li jitnaqqaslu ix-xogħol tiegħu personalment billi l-*accounts* tal-kunsill jibdew isiru minn persuna professjonali (għax minħabba ix-xogħol addizzjonali dawn awtomatikament qed jaqgħu lura) huwa jħoss li l-kunsill tal-inqas għandu jimpjega *accounts clerk*. Noel Galea qal li huwa ma jaqbilx għaliex mhux sew li l-iskrivan ikollu kwalifiċi għola minn tas-segretarju eżekuttiv (*O Level* biss). Dwar dan Charles Farrugia issuġġerixxa illi l-impjegat għandu tal-inqas ikollu *a knowledge of Accountancy* mingħajr il-bżonn ta’ aktar kwalifiċi. Il-viċi sindku kompla jgħid li sakemm nimpjegawh għandna madwar erba’ xhur u għalhekk mhux se jaffettwa wisq il-baġit ta’ din is-sena.

4.5. Noel Galea staqsa x’hini l-problema fuq l-*accounts* tal-kunsill, għaliex hu ma jafx biha. Għal dan is-segretarju eżekuttiv qal li hu m’għandu l-ebda problema biex jibqa’ jagħmilhom kif għamilhom għal dawn l-aħħar ħmistax-il sena mingħajr mal-kunsill nefaq ċenteżmu, però jekk kull filgħodu qed isib lista ta’ affarijiet trivjali saħansitra ilmenti li faċilment jistgħu idaħħluhom l-iskrivana attwali u l-voluntiera, bla ma jrid ikollu jagħmel dak mitlub mis-sindku qabel l-affarijiet ta’ *accounts* bir-riżultat li l-*accounts* jibqgħu lura. Hu qal li x-xogħol ta’ *accounting* tal-entraturi kif jentrahom hu, irid ħafna ħin li ftit hu valorizzat mill-kunsillieri, jekk qatt kien, minħabba l-ħin li jagħmel jirrikonċilja l-banek. Bħala eżempju hu ġab *bank statement* ta’ Ġunju li fiha tliet faċċati.

4.6. Nicholas Briffa fakkar kif fl-Awditjar *ye* 31.3.09, l-awditur sab xi nuqqasijiet li b'xi ħadd professjonali f'dan il-qasam setgħu jitjiebu fl-operat tal-KLM. Hu ġibed l-attenzjoni li permezz tar-riforma, f'ċerti voti issa sar *ring fencing* u ma tistax tieħu fondi per eżempju mir-*repair and upkeep* tat-toroq biex tiffinanzja xi ħaġa oħra.

4.7. Grace Marie Mallia qalet illi hija tħoss li darba se noħorġu applikazzjoni, għandna nitolbu dak kollu li jinħass ta' ħtieġa għall-kunsill u nippruvaw nieħdu dak kollu possibbli. Hija għamlet ukoll referenza għall-*e-mail* li bagħat is-segretarju eżekuttiv fejn għandu jkun hemm għajnuna aktar fuq l-*accounts*. Hija sosteniet li ġaladarba se noħorġu l-applikazzjoni għandna nitolbu tal-inqas *O'level* fl-*accounts* ħalli jista' jkun hemm *job rotation* aħjar bejn iż-żewġ skrivani bis-sorveljanza tas-segretarju eżekuttiv. Rigward minn fejn se jinġiebdu l-flus, hija qalet li għandna noqogħdu ħafna attenti għaliex mhux daqshekk faċli li fis-sitwazzjoni finanzjarja li qiegħdin, nieħdu minn voti oħra.

4.8. F'dan l-istadju intalab il-vot fuq il-mozzjoni. Is-Sindku Noel Galea, il-Viċi Sindku Charles Farruġia u l-Kunsillier Paul Spiteri vvutaw favur il-mozzjoni filwaqt li l-Kunsillier Nicholas Briffa u Grace Marie Mallia vvutaw kontra għax huma favur li l-applikazzjoni toħroġ għal *accounts clerk* u mhux sempliċi *clerk,* u għaliex m'għandhomx jittieħdu fondi minn voti oħra li diġà ġew *committed* fil-*budget* ta' din is-sena. Il-mozzjoni għaddiet tlieta kontra tnejn u l-avviż se jidher *clerk* u mhux *accounts clerk*. Is-sindku qal li b'hekk se nkunu qed natwaw ir-riforma u l-uffiċċju se jkun jista' jiftaħ is-Sibt filgħodu. Is-segretarju eżekuttiv se jagħmel kuntatt mal-*ETC* sabiex dawn juruna x'għandna nagħmlu biex nimxu mal-*human resources regulations*, filwaqt li se nagħmlu talba biex innaqqsu mill-finanzjament ta' voti oħra ħalli nsostnu l-iskrivan/a.

4.9. Aktar tard fil-korrispondenza Grace Marie Mallia staqsiet dwar ittra li kien hemm fil-lista tal-korrispondenza pprovduta mill-uffiċċju, kif diġà saru jafu n-nies b'din is-sejħa mingħajr ma kien hawn xejn pubbliku s'issa dwar l-ingaġġ ta' skrivan. Dwar dan is-sindku qal li l-kelma tiġri u hu ma jiskanta b'xejn.

5. Is-sindku qal li l-ħarġa li ġejja tal-**fuljett** issa hija iminenti għaliex dan huwa l-perjodu fejn l-istampatur ikun imħabbat ħafna u hemm il-biża' li ma jlaħħaqulniex. Għal dan il-għan hu ssuġġerixxa biex sal-ġimgħa d-dieħla kulħadd jgħaddi l-artiklu tiegħu.

6. Ms Mary Camilleri tkellmet mal-uffiċċju tagħna fejn uriet ix-xewqa li l-KLM jislef l-Isptar il-Qadim biex nhar l-1 ta' Awissu 2009, tinżamm fih **serata Mużiko-Letterarja.** Din it-talba saret biex ikun hemm promozzjoni tal-ilsien raħli, minbarra l-mużika tradizzjonali. Dwar din il-proposta l-kunsillieri ma kellhom l-ebda oġġezzjoni iżda se jkun suġġerit li din issir barra ħalli tattira aktar nies.

7. Ksienet approvata l-***Payment Approval Sheet* 349** minbarra s-*subscription* tal-*internet* għall-*Internet Centre* għaliex il-kunsillieri rawha għolja wisq. Dan kien suġġeriment tal-*Malta Communications Authority* li qed tagħmel lill-kunsilli lokali biex b'dan il-pakkett ikun milħuq ukoll mill-pubbliku permezz ta' ***wireless internet*** bit-tabelli kif jeżistu f'kunsilli oħra wara laqgħa li attenda għaliha s-segretarju eżekuttiv fl-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali li tat is-sapport tagħha.

8. L-Assoċjazzjoni dwar it-Trasport Pubbliku tawna risposta għas-suġġerimenti li tajnihom dwar ir-**rotot il-ġodda** li qed ikunu suġġeriti. F'din il-korrispondenza huma qalu li taw każ ir-rakkomandazzjonijiet tal-KLM.

9. Dwar il-għażla ta' skrivan/a intqal illi wara li l-*board* jagħmel l-intervisti lill-applikanti, dawk *short listed* jitpoġġew għad-deċiżjoni finali tal-Kunsill.

10. Is-sindku qal illi għandna rendikont tal-Fond għat-Titjib Urban u dan issa laħħaq l-€2,000. B'dawn il-fondi, fi ħdan l-Awtorità Maltija għall-Ambjent u l-Ippjanar, aktar 'il quddiem se naraw f'hiex wieħed jista' jużahom bħala titjib fir-raħal.

11. Dwar il-persuni nominati fil-Parlament taż-Żgħażagħ, il-Kunsillieri Paul Spiteri u Grace Marie Mallia ipproponew li l-KLM għandu jħallas tal-*live in* li se jsir għalihom.

12. Ġie approvat reklam mat-tabelli li għadna kemm waħħalna fil-Pjazza tal-Knisja u dik ta' Ġublew tad-Djamanti. Is-sindku qal li fuqha se jkun hemm miktub "Lejn lokalità sostenibbli".

13. Charlie Farrugia qal li se jkellem lill-*Agius Marbles Ltd* sabiex iraħħsilna mill-ispejjeż fuq il-monument li se jitpoġġa fl-Isptar il-Qadim li fuqu se jkollu minquxa l-persuni li ingħataw Ġieħ l-Imqabba.

14. Is-sindku qal li l-KLM kiteb lill-Korporazzjoni Enemalta sabiex jitħaffef il-proċess tat-tħaffir previst fl-inħawi tas-*substation* il-ġdida biex jgħaddu l-*cables* minn diversi toroq. Dan għaliex jekk ma jsirx dan, mhux se jkun hemm ċans li jinksew it-toroq tal-madwar.

15. Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali talabna informazzjoni addizzjonali għat-talba tagħna fil-konfront tal-Kunsill Lokali Siġġiewi. Dan sar wara li oġġezzjonajna għall-mod kif qed jitħallew dawn il-postijiet mitluqa u meta qed inwettqu l-manutenazjoni fihom aħna, minkejja li m'humiex fil-konfini tagħna, l-istess kunsill qed joġġezzjona li jirrifondina.

16. Grace Marie Mallia qalet illi hemm bżonn kinsa iminenti fi Triq Valletta viċin il-kamra tal-kenniesa minħabba trabijiet li hemm f'din iż-żona. Hawn is-segretarju eżekuttiv qal li qed jinnota trakkijiet li qed jarmu materjal ta' kostruzzjoni f'barriera viċin li ħafna drabi qed ikunu jistennew li joħroġ trakk ieħor minn sqaq li hemm bħala daħla għal din il-barriera. Uħud minn dawn is-sidien qed jidhru jirrumblaw l-għata ta' fuq il-vjaġġ minn qabel ma jidħlu bil-vjaġġ fl-istess sqaq.

17. Is-segretarju eżekuttiv qal li uffiċjali mill-Ministeru tal-Affarijiet Rurali reġgħu għal darb'oħra ħadu xi ritratti ta' rkejjen maħmuġa fil-konfini tagħna. Din id-darba dan il-ħmieġ jinsab fi Triq Valletta l-Qadima u għalhekk hemm bżonn li naraw x'se jsir peress li kuntrattur tan-*Non-Urban Roads* għat-tindif, ma nifilħux nikkontrattwawh kif fil-fatt ġara għal dawn l-aħħar snin.

18. Il-laqgħa ntemmet fid-9:35pm.

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Magħmula minn* | **Anthony Bonello**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | *u approvati llum*<br>*21 /07 /2009 minn:* | **Noel Galea**<br>**Sindku** |